# SEJĦA GĦALL-PROPOSTI

*Forniment ta' Servizzi tal-Kantin*

© MFSA, 05/07/2019

L-MFSA qed tistieden proposti għall-Forniment ta' Servizzi tal-Kantin għal premises li jinsabu fi Triq Notabile, Attard, għal perjodu ta' sena, li jista' jkun estiż b'perjodi ta' sitt xhur minn hemm 'il quddiem.

L-Awtorità għandha madwar 380 impjegat, numru li mistenni jikber fis-snin li ġejjin. Il-ħinijiet normali tax-xogħol huma mit-8 ta' filgħodu sal-5 ta' filgħaxija, mit-Tnejn sal-Ħamis u mit-8 ta' filgħodu sas-2 ta' wara nofsinhar nhar ta' Ġimgħa. Il-premises preżenti jinkludu kantin b'qisien ta' madwar 150m2 li fiha jistgħu jpoġġu mal-85 persuna bejn ġewwa u barra.

## Is-sottomissjoni għandha tinkludi:

1. Proposta għal servizz ta' filgħodu;
2. Proposta għal servizz ta' lunch għal light snacks, kesħin u sħan
3. Proposta għal servizz ta' lunch għal ikliet aktar sostanzjali
4. Proposta għal għażliet vegani u veġeterjani;
5. Menu bil-prezz propost

## L-obbligi tal-Operatur tas-Servizz tal-Catering:-

- Il-Kantin għandha tkun miftuħa biss u sservi l-impjegati u l-viżitaturi tagħha;
- Safejn hu possibbli, il-Kuntrattur għandu jagħmel mezz li jipprepara l-ikel barra mis-sit tal-MFSA u juża l-faċilitajiet tal-kċina primarjament għat-tisħin u l-plating;
- Il-prezzijiet għandhom dejjem ikunu maqbula mal-Awtorità.
- Fuq bażi annwali, ir-reviżjoni għandha tkun diskussa mal-Awtorità u għandha tirrifletti l-prezzijiet fi strutturi simili u tkun tirrifletti r-rata tal-inflazzjoni applikabbli fuq l-ingredjenti użati u prodotti offruti fil-kantin;
- Il-Kuntrattur għandu jkun responsabbli għat-tindif u manutenzjoni ġenerali taż-żona indikata;
- L-Operatur tas-Servizz tal-Catering hu mistenni li jieħu f'idejh il-kantin fi żmien xahar wara l-firma tal-kuntratt ta' ftehim bejn iż-żewġ partijiet.

## L-obbligi tal-Awtorità:-

- Li tipprovdi kantin mgħammra bit-tagħmir meħtieġ tal-kċina;
- Li tieħu ħsieb il-manutenzjoni ġenerali tal-kantin u t-tagħmir tal-kċina;
- Li tħallas għall-konsum ta' dawl u ilma;
- L-MFSA mhix se timpona ebda ħlasijiet lill-operatur tal-kantin biex jipprovdi dan is-servizz.

## L-evalwazzjoni se ssir fuq bażi tal-kriterji segwenti:-

- Il-faċilitajiet tal-applikant (il-kumitat ta' evalwazzjoni se jżur il-faċilità fejn jiġi preparat l-ikel)
- Prezzijiet
- Id-dettall tas-servizz, inkluż is-sigħat li se jkun qed ikopri
- Il-kwalità tal-ikel (l-appikanti jistgħu jintalbu jippreparaw numru ta' platti mill-menu propost fis-sit jew barra mis-sit biex ikun pruvat kampjun mill-kumitat ta' evalwazjzoni).

Is-sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu b'email fuq tender@mfsa.com.mt

Talbiet ta' kjarifika għandhom jintbagħtu fuq l-istess indirizz sa mhux aktar tard mill- Erbgha 17 ta' Lulju 2019

**Il-limitu ta' żmien għas-**sottomissjonijiet hu sal-**Ġimgħa 26 ta' Lulju 2019**